MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 29 ta' Ottubru 2017**

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Nazgaidze Giorgi**
**(passaport Georgjan 15BA39356)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Nazgaidze Giorgi** talli fit-28 ta' Ottubru 2017 u jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta)

Akkuzat ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport, jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta).

Akkuzat ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi minghajr awtorita` legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun iffalsifikat magħmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1f) tal-Liġijiet ta' Malta)

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija. Ukoll hadet in konsiderazzjoni li l-imputat jista' jitregga' lura lejn pajjizu llejla stess.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligjiet ta' Malta, u artikolu 32 (1) (f) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Nazgaidze Giorgi** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur